22 ta' Diċembru, 1953.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

John Cole *versus* Dr. Calcedonio Zammit et.

**Elezzjoni — Assemblea Leġislativa — "Recount" — "Objection" — Kummissjunarju Elettorali — Reg. 15 u 17 (1) tal-Polling Regulations, 1939.**

*Fi kwalunkwe kwistjoni dwar it-trasferiment ta' voti fl-elezzjoni tal-Membri ta' l-Assemblea Leġislativa, id-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjunarji Elettorali tkun finali, kemm il-darba ma ssirx oġġezzjoni bil-miktub għal dak it-trasferiment. U meta deċiżjoni ta' dawk il-Kummissjunarji dwar it-trasferiment ta' voti tkun finali, l-istess deċiżjoni tkun finali anki għar-rigward tal-poloz validi u invalidi.*

*Għaldaqstant kwalunkwe kwistjoni dwar deċiżjoni fil-"counts" preċedenti li tkun saret finali, għax għar-rigward tagħha ma tkunx saret "objection" bil-miktub, ma tistax tiġi attiża.*

*Jekk il-Kummissjunarji Elettorali, meta jerġgħu jgħoddu l-voti, jiltaqgħu ma' xi żball fit-trasferiment tal-voti, huma jistgħu jagħmlu l-korrezzjoni meħtieġa.*

*"Recount" tal-voti ma għandux jiġi ordnat mill-Qorti jekk ma jkunx hemm raġuni tajba biex jiġi ritenut li kien hemm xi żball da parti tar-"returning officer". Il-Qorti ma għandhiex tindaħal fi kwistjonijiet elettorali ħlief in kwantu tagħtiha s-setgħa l-liġi, u fil-limiti mill-istess liġi preskritti; u għalhekk, meta tindaħal, għandha tindaħal biss għal raġunijiet gravi.*

*Fil-każ preżenti, il-Qorti rriteniet li dawn ir-raġunijiet gravi ma kienux jirrikorru.*

Il-Qorti, — Rat id-deċiżjoni minnha mogħtija fid-19 ta' Diċembru 1953, fejn jinsabu rikapitolati d-domandi ta' l-attur u l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti, u li biha ġew respinti l-eċċezzjonijiet preliminari opposti mill-konvenut Dr. Zammit, bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Semgħet ix-xhieda prodotti u eżaminat id-dokumenti eżibiti;

Semgħet id-difensuri tal-kontendenti;

Ikkunsidrat;

Illi, fil-proċeduri ta' dina l-elezzjoni in kwistjoni, l-oġġezzjoni kontemplata minn-liġi, kif juru l-provi, saret biss wara l-aħħar "count", jiġifieri dak li bih l-attur u l-konvenut Dr. Zammit ġew dikjarati li għandhom voti ugwali. Għalhekk il-kwistjoni quddiem il-Qorti għandha tiġi limitata għal dan l-aħħar "count", billi, skond ir-Regolament 17 (1) ta' "The Polling Regulations 1939", fi kwalunkwe kwistjoni fuq it-trasferiment ta' voti d-deċiżjoni mogħtija mill-Kummissarji ta' l-Elezzjoni tkun finali kemm il-darba ma ssirx oġġezzjoni bil-miktub skond dak ir-Regolament. Konsegwentement, kwalunkwe deċiżjoni mogħtija mill-Kummissjunarji dwar il-"counts" l-oħra għandha titqies finali, fin-nuqqas ta' dik l-oġġezzjoni. Għandu jiġi osservat illi, meta tkun finali deċiżjoni dwar it-transfer tal-voti, l-istess deċiżjoni hija finali anki għar-rigward tal-poloz validi u invalidi; għaliex il-"quantum" tat-transfer (meta kandidat ikun ġieb iżjed mill-kwota) hu determinat mis-"surplus" fuq il-kwota, u l-kwota appuntu tiġi aċċertata fuq il-poloz validi, wara li l-Kummissjunarji jkunu skartaw il-poloz invalidi (ara regolamenti 7, 8, 9 u 11 tal-Polling Regulations fuq imsemmija);

Illi, għalhekk, kwalunkwe kwistjoni li ġiet sollevata mill-attur dwar il-"counts" l-oħra, barra l-aħħar "count" fuq imsemmi, ma tistax tiġi attiża, in vista tal-fatt li rigward tagħhom id-deċiżjoni tal-Kummissjunarji, espressa jew impliċita, hija finali;

Ikkunsidrat;

Illi għar-rigward ta' l-aħħar "count" jirriżulta li l-Kummissjunarji, meta għamlu l-għadd mill-ġdid, sabu żewġ poloz

li kellhom in-numru 3 darbtejn, u li għalhekk ma kienux trasferibili, ħlief sat-tieni preferenza, u konsegwentement il-Kummissjunarji għamlu l-korrezzjonijiet meħtieġa fil-kalkoli tagħhom. Dan setgħu jagħmluh skond ir-Regolament 15 ta' "The Polling Regulations, 1939";

Illi għar-rigward ta' dan l-aħħar "count" ma ngiebet ebda raġuni ħlief dwar iż-żewġ poloz fuq imsemmija, li għar-rigward tagħhom l-egħmil tal-Kummissjunarji kien korrett u skond il-liġi;

Illi, skond il-Halsbury's Laws of England (Vol. 12, 2nd. edition, pp. 437-438, par. 852), "a recount is not granted as of right, but on evidence of good grounds for believing that there has been a mistake on the part of the returning officer". U fil-kawża "Tower Hamlets, Stepney Division Case, Isaacson v. Durant (1886) 54 L.T. 684; 2 T.L.R. 559; 40 M. & H. 84", il-Qorti, per mezz ta' Lord Aemman, qalet li "the demand for a recount is a matter within the jurisdiction of the Court to consider upon reasonable grounds". U f'dan il-każ il-Qorti ma jidhrilhiex li jikkonkorru ċirkustanzi tali li jikkostitwixxu "reasonable grounds", peress illi l-Kummissjunarji kellhom kwalunkwe dritt li jeskludu l-ulterjuri trasferiment ta' dawk iż-żewġ poloz, u l-Qorti ma għandha ebda raġuni tiddubita illi l-Kummissjunarji ma jafux jaraw jekk polza kienx fiha l-istess numru miktub darbtejn. Fuq dan il-punt huwa utili li jiġi rilevat li l-Qorti ma għandhiex tindaħal fi kwistjonijiet elettorali, ħlief in kwantu tagħtiha s-setgħa l-liġi, u fil-limiti mill-istess liġi preskritti; u għalhekk, meta tindaħal, għandha tindaħal biss għal raġunijiet gravi, għaliex il-liġi tagħti lill-Kummissjunarji li jaqtgħu l-kwistjonijiet li jinqalgħu (art. 6 Ordinanza XXXIV ta' l-1939). Il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fis-sentenza tagħha tat-18 ta' April 1887 in re "P.L. Muscat Azzopardi vs. Dr. Randon et." (Kollez. Vol. XI, paġ. 302), qalet li "i Commissionari, nel condurre un'elezione, sono costituiti come una magistratura politica, la quale, secondo le regole più liberali, dev'essere indipendente da ogni ingerenza tanto del Potere Esecutivo quanto del Potere Giudiziario";

Ikkunsidrat;

Illi s-sempliċi fatt li l-attur u l-konvenut Dr. Zammit fl aħħar "count" ġiebu numru ugwali ta' voti mhux per sè motiv biex jiġi akkordat "recount", għaliex dın hija eventwalità kontemplata mill-istess liġi (Regolament 12 (3));

Ikkunsidrat;

*Illi fuq l-allegazzjoni ta' l-eċċitament li qam waqt l-iskrutinju u x-xnigħat li bdew jinxterdu*, mill-provi li saru ma jirriżulta ebda element biex il-Qorti tista', anki remotament, tissospetta li kien hemm xi manomissjoni jew tbabiż fil-poloz waqt li kienu qegħdin jiġu eżaminati;

Ikkunsidrat;

*Illi dwar il-preċedent invokat mill-attur*, u bażat fuq is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina fil-15 ta' Mejju 1951, in re "Dr. Zammit vs. Frank Agius ne.", apparti li dik is-sentenza ma ġietx appellata, u għalhekk din il-Qorti ma kellhiex l-okkażjoni li tesprimi ruħha dwar il-meritu tagħha, għandu jiġi osservat li *mhux biss il-fattezzi kienu diversi*, imma lanqas ġew eżaminati l-punti legali li fuqhom sar komment aktar 'il fuq f'din is-sentenza;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tirrespinġi d-domanda ta' l-attur, bl-ispejjeż, ħlief dawk ġa provvduti, kontra tiegħu.

---

**Tmiem ta' l-Ewwel Sezzjoni**
**ta' l-Ewwel Parti**
**tal-Volum XXXVII.**

---